# Ir-reliġjon popolari fil-festa ta' Santa Marija

MINN ANTON SCICLUNA

❑ Il-festa ta' Santa Marija fil-Gżejjer Maltin tagħmel parti essenzjali mill-ħajja reliġjuża tal-poplu tagħna. Dan bir-raġun meta huma tmienja l-festi li jsiru f'Malta u Għawdex fil-15 ta' Awissu ta' kull sena biex ifakkru il-Misteru tat-Tlugħ fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem tal-Verġni Mbierka Marija. Dawn il-festi f'ġieħ l-Assunta għandhom jgħinu lill-Maltin u l-Għawdxin biex jgħixu iżjed konvinti fuq il-prinċipji tar-reliġjon ta' Kristu. Tkun ħasra jekk dawn il-festi jintrabtu biss mad-drawwiet u r-reliġjożità popolari.

*Papa Pawlu VI*

Il-qima tagħna lejn l-Assunta għandna nħarsu lejha kif imfissra mill-Papa Pawlu VI fl-Eżortazzjoni Appostolika 'Marialis Cultus' fejn jistqarr: "Is-Sollennità tal-15 ta' Awissu tfakkarna fit-tlugħ glorjuż ta' Marija fis-sema. Hija l-festa tax-xorti, tal-milja, tal-barka, tal-kobor tar-ruħ bla tebgħa tagħha, u tal-figura perfetta tagħha ma' Kristu Rxoxt. Hija l-festa li tpoġġi quddiem għajnejn il-Knisja u l-bnedmin kollha x-xbieha u l-prova ta' faraġ li għad isseħħ it-tama tagħhom ta' l-aħħar, jiġifieri li din il-glorja sħiħa hija wkoll ix-xorti ta' dawk kollha li Kristu għamel ħutu billi ħa 'ġisem u demm bħalhom' (Lhud, 2:14; ara Gal., 4:4)." Is-solennità tal-festa ta' Santa Marija għalhekk għandha turi bl-akbar grat liturġiku l-veritajiet ewlenin tal-fidi li għandhom x'jaqsmu mal-Qaddejja tal-Mulej.

Huwa importanti ħafna għalina l-Maltin li nintegraw il-festa ta' Santa Marija fil-kuntest li talab minna l-Papa Pawlu VI fis-silta ta' fuq. Irridu nkunu kuraġġużi biex insaffu l-festa ta' Santa Marija mir-riħa ta' superstizzjoni u ninkwadrawha bis-sens Nisrani. Irid jiġi miftiehem li nkunu qed nizbaljaw jekk wieħed jaħseb li għandna neliminaw għal kollox ir-reliġjożità popolari. Nisiltu dak li hu tajjeb u ngħaqqduh mat-twemmin tabilħaqq Nisrani. Qatt ma għandna nieħdu *for granted* il-fidi tagħna Nisranija bis-saħħa tat-tradizzjoni, leġġendi u għajdut li jdawru l-festa tant popolari ta' Santa Marija. Huwa dmir ta' kull Nisrani Kattoliku Malti li jinkwadra din il-kultura popolari Marjana fil-libsa awtentika tal-Vanġelu. Inkunu nizbaljaw jekk nagħmlu bħalma darba għamel patri Dumnikan fil-Brażil, qata' fil-laħam il-ħaj ir-reliġjosità popolari li kienet iddawwar il-parroċċa tiegħu. Induna li żbalja bil-kbir għax sab ruħu waħdu. Kellu bil-fors jerġa' jdaħħal xi forom ta' reliġjożità popolari biex seta' jibni pedamenti sodi għar-reliġjon Nisranija kif imfassla mill-prinċipji tal-Vanġelu u tat-tagħlim tal-Maġisteru tal-Knisja.

Biex jintlaħaq l-iskop tal-qima ġenwina lejn il-festa ta' Santa Marija irid jinżamm bilanċ. Fil-fatt nerġa' nikkwota mill-istess Eżortazzjoni tal-Papa Pawlu VI biex nuri kif jifhimha dwar dan il-bilanċ: "Għalkemm id-devozzjonijiet popolari għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom imma ħadd ma jista' jiċħad li minnhom ma jistax jinkiseb ħafna ġid jekk wieħed ikun kappaċi jislet l-evalwazzjoni tagħhom. Huwa veru li dawn id-devozzjonijiet jistgħu joħolqu bosta stonaturi u superstizzjonijiet fir-reliġjon Nisranija. Ta' spiss ukoll dawn id-devozzjonijiet jibqgħu fuq livell

Għal paġna 107



Minn paġna 106

ta' forom li ma jwasslux biex idaħħlu lill-Insara fil-veru sens tal-komunità ekklesjali. Iżda jekk jiġu orjentati tajjeb huma tabilħaqq għonja fil-valuri tagħhom."

Jeħtieġ għalhekk li għandna naġġornaw il-popolarità tal-festa ta' Santa Marija fid-dawl ta' dan it-tagħlim. Biex nilħqu dan l-iskop irridu nneħħu mill-festa dak li hu oġġettivament ħażin bħal piki, sokor, ġlied, tgħajjir, insolenzi, kliem ħażin, dagħa b'Alla u bl-istess Madonna, eċċ. Inneħħu minn fostna il-parrokkjaliżmu żejjed, il-mibgħeda, il-kampaniliżmu, u l-politiċizzazzjoni fil-jiem tal-festa popolari ta' Santa Marija. Insaffu dawn il-festi minn dak kollu li jħammrilna wiċċna.



Papa Pawlu VI

### Kultura ġdida

Ħadd ma jista' jiċħad li l-kultura tradizzjonali u folkloristika dwar il-festa ta' Santa Marija ntgħaġnet tant ma' drawwiet il-poplu tal-Gżejjer Maltin matul medda ta' mijiet ġmielhom ta' snin li begħduhom mis-sens Nisrani, li mhix ħaġa ħafifa li tgħallem lill-poplu li jwarrabhom. Jeħtieġ li wieħed jibda gradwalment jiżra' attivitajiet bil-ħsieb li jrawwem kultura ġdida fejn tidħol il-festa ta' Santa Marija li hija tant mistennija b'ħeġġa mill-poplu Malti u Għawdxi kull nofs Awissu. Dan l-ispirtu diġà beda jinħass f'xi parroċċi ta' Malta u Għawdex iddedikati lill-Assunta permezz ta' attivitajiet pastorali, kulturali, filantropiċi u rikreattivi. F'dawn il-ġranet ta' festa tkun ħaġa flokha li barra l-festi liturġiċi li jsiru b'tant solennità fil-parroċċi rispettivi jiġu organizzati pageants, wirjiet, kwizzis, kompetizzjonijiet, festival ta' kant, serati kulturali, eċċ, b'tema Marjana. Jien personalment kont imdaħħal direttament fejn ġew organizzati attivitajiet ta' din ix-xorta bħala preparazzjoni għall-festa ta' Santa Marija fil-Katidral tar-Rabat Għawdex. Nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li ħallew impressjoni tajba u l-attendenza żdiedet minn sena għall-oħra. L-impatt li ħallew qatt ma stennejtu.

Biex iżjed jintlaħaq l-iskop ta' dawn il-ġranet festivi ta' din il-festa ewlenija li tiġbor eluf kbar ta' Maltin u Għawdxin fi tmien parroċċi għandu jsir sforz qawwi biex tingħata spinta l-promozjoni umana. B'dan il-ħsieb għandhom jiġu organizzati *parties* għat-tfal bi bżonnijiet speċjali u lill-anzjani, kampanja ta' ġenerosità mat-tfal ta' istituti tad-djoċesi, ħarġiet bi skop edukattiv, ħeġġa biex parruċċani jagħtu d-demm fil-Bank tad-demm u inizjattivi oħra simili. B'dawn l-attivitajiet il-poplu gradwalment jifhem li l-festi ta' Santa Marija jiġu biex jgħinu l-parruċċani ta' l-irħula rispettivi jsaħħu l-formazzjoni Nisranija kif wieħed jistenna meta tiġi organizzata l-festa.

### Għeluq

Wieħed għandu jammetti li l-prudenza għandha l-parti tagħha biex dawn l-attivitajiet ma joħolqux qasmiet bla bżonn. Il-kleru ta' kull parroċċa għandu jimxi id f'id ma' l-organizzaturi lajċi. Żgur li Santa Marija iżjed tixtieq rispett lejn il-Knisja mill-bukketti ta' fjuri l-ġmiel tagħhom quddiem ix-xbieha tagħha. Santa Marija tixtieqna niddefendu d-drittijiet tal-Knisja bħala effett tal-Knisja. Ma tridniex imsakkrin fis-sagristija iżda devoti awtentiċi tagħha u sudditi leali tal-Knisja Mqaddsa dejjem u kullimkien. Dan ikun l-isbaħ rigal li nistgħu qatt noffru lil Santa Marija f'ħajjitna. Fl-aħħar u fuq kollox nikkwota dak li kiteb artikolista f'gurnal lokali fejn stqarr li, "irridu noqogħdu attenti li l-manifestazzjonijiet tar-reliġjosità popolari bħalma huma l-purċissjoniet tal-Ġimgħa l-Kbira għandna nibqgħu nibżgħu għalihom." Għaliha dawn il-purċissjoniet huma popolari fil-Gżejjer Maltin daqs il-festi ta' Santa Marija. Kompla stqarr dan l-artikolista li, "filwaqt li nkabbru l-aspett artistiku u folkloristiku tagħhom irridu naraw x'jista' jsir biex tassew isiru aktar manifestazzjonijiet esterni tat-twemmin."

Tajjeb ukoll li nikkwota x'qal il-Papa Pawlu VI nhar Santa Marija ta' l-1964, "Illum qegħdin niċċelebraw festa kbira ta' ferħ għalina: dik ta' Santa Marija. Hija turina kif għandna ngħixu biex nilħqu l-quċċata ta' glorja li laħqet Hi. Il-Madonna mis-Sema tifrex dirgħajha biex tgħinna u tagħmlilna kuraġġ. Għalhekk mal-ferħ (reliġjosità popolari) inħossu wkoll tama kbira, it-tama li ngħixu sewwa f'din il-ħajja biex niksbu l-ħajja ta' dejjem."